# EMAS ENVIRONMENTAL POLICY

As a contribution to the Green Deal, the European Commission demonstrates its commitment to sustainable development, and sound environmental practice, by ensuring that it reduces the impact of its day-to-day activities in a manner consistent with the policies that it has developed for Europe.

Continuing efforts to improve its environmental performance that started in 1997, in 2005, the Commission achieved its first registration under the Eco Management and Audit Scheme (EMAS). In 2020, the Commission implements EMAS across its eight[1] largest sites in Europe. The Commission will endeavor to continue extending the scope of its registration to the Executive Agencies and to its representations across Europe.

The Commission will continue to protect the environment, including pollution prevention, and in 2019, her President, Ursula von der Leyen committed to make the Commission climate neutral by 2030.

Under EMAS the Commission seeks to continually improve its environmental management system and its environmental performance and therefore reduce the environmental impact of its everyday work in accordance to the UN's Sustainable Development Goals (SDGs) by:

(1) Using natural resources more efficiently, particularly in relation to energy, water and products such as paper;
(2) Continuously reducing our operations' atmospheric emissions (mainly from buildings operation and transport) with the objective of making the Commission climate-neutral by 2030;
(3) Improving waste management and sorting, where waste prevention measures have been exhausted, so that waste recycling is optimised and residual waste reduced;
(4) Protecting biodiversity;
(5) Promoting sustainable and environmentally responsible public procurement procedures for example by introducing appropriate criteria into the tender and contract process, and incorporating life cycle cost considerations where feasible;
(6) Ensuring (and demonstrating) compliance with environmental legislation and regulations including in relation to emergency preparedness, thereby reducing pollution risk;
(7) Encouraging staff and contractors to embrace sustainable behaviour through improved internal communication, awareness-raising, and training; and
(8) Enjoying transparent relations and dialogue with external parties, taking into account and addressing stakeholder expectations;
(9) Improving the EMAS system including ensuring consistency with European Union policies.

Additionally, and though not falling within the EMAS scope, the Commission will ensure through assessments carried out by its services, that in relation to its core business, it will:

(10) Systematically assess the potential economic, social and environmental impacts of major new policy and legislative initiatives and promote systematic integration of environmental objectives into Community policies;
(11) Ensure the effectiveness of environmental legislation and funding in creating environmental benefits;

By virtue of the powers conferred on the Appointing Authorities, the European Commission's EMAS Steering Committee hereby approves this Policy Statement, commits to adopt the Commission's EMAS objectives, targets and action plan, to supervise the system's implementation and to monitor the use of its allocated staff and financial resources in order to ensure that the environmental management system runs efficiently.

This document is effective from the date of signature,

Brussels, 06/10/2020

On Behalf of the EMAS Steering Committee,

**Gertrud INGESTAD**
*President*

**THE COMMISSION IS PROGRESSIVELY IMPLEMENTING THE ENVIRONMENTAL MANAGEMENT SYSTEM EMAS TO ITS REPRESENTATIONS IN MEMBER STATES. THIS REPRESENTATION IS NOT YET EMAS-REGISTERED.**

[1] Brussels, Luxembourg, Ispra (Italy), Geel (Belgium), Karlsruhe (Germany), Seville (Spain), Petten (The Netherlands) and Grange (Ireland).

# IL-POLITIKA AMBJENTALI

Bħala kontribut għall-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni Ewropea turi l-impenn tagħha għall-iżvilupp sostenibbli u għal prattiki ambjentali tajbin billi tiżgura t-tnaqqis tal-im-patt tal-attivitajiet tagħha ta' kuljum b'manjiera konsistenti mal-politika li żviluppat għall-Ewropa.

Il-Kummissjoni ssuktat issaħħaħ l-isforzi, li bdew fl-1997, fuq il-prestazzjoni ambjentali tagħha, u fl-2005 kisbet l-ewwel reġistrazzjoni skont l-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (Eco Management and Audit Scheme, EMAS). Fl-2020 il-Kummissjoni timplimenta l-EMAS madwar l-akbar tmien siti tagħha fl-Ewropa.

Il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tkompli testendi l-ambitu tar-reġistrazzjoni tagħha għall-Aġenziji Eżekuttivi u għar-rappreżentanzi tagħha madwar l-Ewropa.

Il-Kummissjoni se tkompli tħares l-ambjent, fosthom il-prevenzjoni tat-tniġġis u fl-2019, il-President tagħha, Ursula von der Leyen ikkommettiet ruħha li sal-2030 il-Kummissjoni jkollha impatt newtrali fuq il-klima.

Fl-isfond tal-EMAS il-Kummissjoni tħabrek biex ittejjeb is-sistema ta' ġestjoni ambjentali

u l-prestazzjoni ambjentali tagħha u għaldaqstant tnaqqas l-impatt ambjentali tal-ħidma tagħha ta' kuljum skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) tan-NU billi:

(1) Tuża r-riżorsi naturali b'manjiera aktar effiċjenti, partikolarment b'rabta malenerġija, l-ilma u l-prodotti bħall-karti;
(2) Tnaqqas kontinwament l-emissjonijiet atmosferiċi tal-operazzjonijiet tagħna (lakbar mill-operazzjoni tal-binjiet u tat-trasport) bil-għan li sal-2030 il-Kummissjoni jkollha impatt newtrali fuq il-klima;
(3) Ittejjeb l-immaniġġjar u s-separazzjoni tal-iskart, fejn il-miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart ikunu saru kollha, biex b'hekk ir-riċiklaġġ tal-iskart jiġi ottimizzat u jitnaqqas l-iskart residwu;
(4) Tħares il-bijodiversità;
(5) Tippromwovi proċeduri ta' akkwist pubbliku sostenibbli u ambjentalment responsabbli, pereżempju permezz tal-introduzzjoni ta' kriterji xierqa fil-proċess tal-offerti u tal-kuntratt, u tinkorpora kunsiderazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja fejn dan ikun jista' jsir;
(6) Tiżgura (u tagħti prova) tal-konformità mal-leġiżlazzjoni u mar-regolamenti ambjentali fosthom fir-rigward tat-tħejjija għal emerġenzi, biex b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' tniġġis;
(7) Tinkoraġġixxi l-impjegati u tal-kuntratturi biex iħaddnu mġiba sostenibbli permezz tattitjib tal-komunikazzjoni interna, is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ; kif ukoll
(8) Tibbenefika minn relazzjonijiet u djalogu trasparenti mal-partijiet esterni, permezz tal-kunsiderazzjoni u l-indirizzar tal-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati;
(9) Ittejjeb is-sistema tal-EMAS fosthom l-iżgurar tal-konsistenza mal-politika tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, u għalkemm ma taqax fl-ambitu tal-EMAS, abbażi ta' valutazzjonijiet mis-servizzi tagħha l-Kummissjoni se tiżgura, b'rabta mal-ħidma ewlenija tagħha, li:

(10) Taċċessa sistematikament l-impatti tal-inizjattivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali tal-inizjattivi politiċi u leġiżlattivi ġodda u tippromwovi l-integrazzjoni sistematika tal-objettivi ambjentali fil-politika tal-Komunità;
(11) Tiżgura l-effettività tal-leġiżlazzjoni u l-finanzjament ambjentali waqt li toħloq benefiċċji ambjentali;

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-Awtoritajiet tal-Ħatra, b'dan il-Kumitat ta' Tmexxija tal-EMAS tal-Kummissjoni Ewropea japprova din id-Dikjarazzjoni ta' Politika, jimpenja ruħu li jadotta l-objettivi, il-miri u l-pjan tal-azzjoni tal-Kummissjoni relatati mal-EMAS u li jissorvelja l-implimentazzjoni tas-sistema u jsegwi l-użu tal-impjegati u r-riżorsi finanzjarji allokati lilu biex jiżgura li s-sistema ta' ġestjoni ambjentali taħdem b'mod effiċjenti.

Dan id-dokument jidħol fis-seħħ fid-data tal-iffirmar,

Brussell, 06/10/2020

F'isem il-Kumitat tat-Tmexxija tal-EMAS,

**Gertrud INGESTAD**
*Il-President*

**IL-KUMMISSJONI QIEGĦDA PROGRESSIVAMENT TIMPLIMENTA S-SISTEMA TAL-ĠESTJONI AMBJENTALI EMAS FIRRAPPREŻENTANZI TAGĦHA FL-ISTATI MEMBRI. DIN IRRAPPREŻENTANZA GĦADHA MHIX IRREĠISTRATA FL-EMAS.**

[1] Brussell, il-Lussemburgu, Ispra (l-Italja), Geel (il-Belġju), Karlsruhe (il-Ġermanja), Seville (Spanja), Petten (in-Netherlands) u Grange (l-Irlanda).